# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru, 2001 .**

**Avviz numru : 74/2001GT(GM)**

**Galea General Services Limited .**

**VS**

**Paul Gafa .**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**Illi l-konvenut xtara vettura tal-marka Peogeot 405 bin-numru ta' registrazzjoni IAZ 093 minghand is-socjeta' attrici .**

**Illi mill-prezz pattwit ghal din il-vettura fadal jithallas bilanc ta' sitt mija u sitta u disghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm696.59) ;**

**Illi ghal kemm gie interpellat diversi drabi l-konvenut baqa' ma hallasx il-bilanc dovut .**

**Ghaldaqstant s-socjeta' attrici titlob il-hlas ta' dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax dovut u l-ispejjez ta' dawn il-proceduri .**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-18 ta' Dicembru, 2001 u dik tal-lum ;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esebiti .**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghal hekk jikkundanna lill-**

**konvenut ghall-hlas ta' sitt mija, sitta u disghin lira maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm696.59), bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal .**

**Gudikatur .**

**Deputat Registratur**

S7401Gt(gm)
240